31997D0820

9.12.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 338/7

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-28 ta' Novembru 1997
## fuq l-implimentazzjoni ta' Pożizzjoni Komuni 95/544/CFSP fuq in-Niġerja

(97/820/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu J.2 tiegħu,

Billi fl-4 ta' Diċembru 1995 il-Kunsill iddefinixxa, fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, Pożizzjoni Komuni 95/544/ CFSP fuq in-Niġerja (1);

Billi l-Pożizzjoni Komuni 95/544/ CFSP kienet estiża sa l-1 ta' Novembru 1998 mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/821/ CFSP (2);

Billi ċerti linji gwida għandhom ikunu previsti għall-implimentazzjoni tal-pożizzjoni komuni msemmija qabel,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri ta' l-Unjoni jistgħu jagħtu viżas lil kwalunkwe ċittadin Niġerjan li qed jipparteċipa f'konferenza internazzjonali fit-territorju tagħhom, partikolarment għal laqgħat fil-qafas tar-Raba' ACP-KE Konvenzjoni, iffirmata l-Loma fil-15 ta' Diċembru 1989.

2. L-Istati Membri, waqt li huma xewqana li jonoraw l-intrapriżi internazzjonali tagħhom, jistgħu jippermettu eċċezzjonijiet għall-paragrafu 1 tal-Pożizzjoni Komuni 95/544/ CFSP:

— Skond id-dispożizzjonijiet ta' ftehim tal-kwartieri ġenerali,

— sabiex jkomplu jsegwu intrapriżi li kienu daħlu għalihom qabel l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni fl-1995, partikolarment fir-rigward ta' eventi sportivi organizzati minn federazzjonijiet ta' l-isports internazzjonali, jiġifieri t-Tazza tad-Dinja tal-Futbol ta' l-1998 u partiti tal-futbol diġà organizzati bħala preparazzjoni għal dan, kif ukoll il-Kampjunat Dinji tal-Baskitbol ta' l-1998.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-federazzjonijiet ta' l-isports tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

3. Eċċezzjonijiet għal paragrafu 1 tal-Pożizzjoni Komuni 95/544/CFSP jistgħu wkoll jiġu permessi fuq raġunijiet umanitarji urġenti.

*Artikolu 2*

Viżas għandhom jiġu mogħtija biss fuq bażi individwali, wara notifikazzjoni bil-quddiem lill-Istati Membri kollha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' Novembru 1997.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. WOHLFART

(1) ĠU L 309, tal-21.12.1995, p. 1.
(2) ĠU L 338, tad-9.12.1997, p. 8.